# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Nru : 2758

Kaz Nru : 3764/ET

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Apap

u

Attard & Co.

Illum : 16 ta' Settembru, 2021

*dwar: tkeccija mill-impjieq allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip. Mgt**

**Inrtroduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors datat 5 ta' Gunju, 2019, mill-Avukat Dr Dustin Camilleri f'isem ir-rikorrent.

Fir-rikors ir-rikorrent iddikjara kif gej:

Illi kien ilu jahdem mas-socjeta' ntimata mill-28 ta' Awissu, 2017, bhala *Store Helper*. Il-kuntratt ta' l-impjieg kien indefinit b'sitt xhur *probation*.

Illi fl-1 ta' Marzu, 2019, kellmu l-imghallem tieghu is-Sur Mario Borg u qallu li tkecca minghajr spjegazzjoni.

Ir-rikorrent huwa persuna b'dizabilita u ufficjalment registrat f'dan l-istat.

Illi r-rikorrent matul l-impjieg kien dejjem jigi *bullied* specjalment mis-Sur Luke Pace u meta r-rikorrent kien jirraporta lil ta' fuqu, qatt ma ttiehdu passi.

Illi ftit jiem qabel tkecca, hu r-rikorrent is-Sur Stefan Apap, kien iffaccja lis-sur Luke Pace u qallu biex jieqaf jaqbad ma' huh. Wara, is-sur Luke Pace hedded lir-rikorrent u li kien se jaghmel minn kollox biex jitkecca.

Illi s-socjeta' ntimata nqdiet bl-okkazjoni ta' meta hu ,r-rikorrent , kellem lis-sur Luke Pace barra l-post tax-xoghol u keccewh hesrem u anke tawha bhala raguni.

Illi din hi raguni bla ebda bazi biex impjegat jigi mkecci u jidher li kien hemm konfoffa biex ir-rikorrent jitkecca. Anka s- CCTV footage seta gie akkwistat fejn seta deher car li hu, r-rikorrent ma ghamel xejn barra minn loku.

Illi r-rikorrent kien ghadu ma sabx xoghol sa meta sar ir-rikors u mhux facli ghalih fil-kundizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li t-tkeccija kient ingusta u bla ebda raguni valida skont il-Ligi u biex jigi determinat kumpens xieraq fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Min-naha taghha, s-socjeta' ntimata, ma pprezentatx dikjarazzjoni ufficjali tal-kaz kif mitluba. It-Tribunal gibed l-attenzjoni u s-socjeta' qalet li baghtet kollox bil-posta izda t-Tribunal qatt ma rcieva xejn. Meta ntalbet kopja din qatt ma rrizultat lanqas.

Is-Socjeta' ntimata pprezentat rapport tas-Sur Mario Borg, Warehouse Manager, fejn semma xi agir bil-kliem tar-rikorrent u l-allegat incident ta' hu r-rikorrent diga msemmi. Is-Socjeta' ntimata pprezentat ukoll *'incident report'* mahrug mill-Pulizija.

Illi fin nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-kaz it-talbiet tas-Socjeta' ntimata lit-Tribunal ma jirrizultawx b'mod ufficjali.

Fl-ewwel seduta s-Socjeta' ntimata ma kienetx assistita. Fit-tieni seduta bdiet tigi assistita mill-Avukat Dr Charlotte Camilleri.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrent, is-Sur Stefan Apap, is-Sinjura Sarah Camilleri- HR *representative*, is-Sur Mario Borg – *Warehouse Manager* u s-Sur Sandro Gauci -*Storekeeper*. Gew esebiti ukoll xi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-tkeccija tar-rikorrent kienetx gusta, ghalkemm is-socjeta' ntimata ma specifikatx fuqiex ezatt, fin-nuqqas ta'dikjarazzjoni ufficjali tal-kaz.

Min naha tieghu r-rikorrent, li huwa *'registered disabled'*, qed jallega li kien jigi *'bullied'* u li ma kienx hemm l-ebda bazi konkreta li tista twassal ghal tkeccija.

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xiehda kollha, d-dokument pprezentati u t-trattazzjonijiet finali u kkunsidra dawn il-punti principali.

Is-Socjeta' ntimata, milli hareg mill-process, waslet biex itterminat l-impjieg minhabba certa mgieba tar-rikorrent u nkluz kliem baxx. Izda ghamlet l-iktar enfazi fuq meta hu, r-rikorrent mar hdejn il-post tax-xoghol u kellem lil certu Luke Pace li allegatament kien l-iktar persuna li kienet taqbad mar-rikorrent, rigward dak li r-rikorrent sejjahlu *'bullying'*. Sar anka rapport lil Pulizija li izda ma giex segwit mill l-istess Pulizija u ma ttiehdet l-ebda forma ta' azzjoni kontra s- Sur Stefan Apap.

Ir-rikorrent, minn naha tieghu, u anka kif hareg mix-xhieda , qal li kien jigi *'bulllied'* kontinwament l-iktar mis- Sur Luke Pace izda mhux biss. Fuq xogholu r-rikorrent jidher li kien jaghmlu sew u ma rrizultawx xi lmenti serji.

It-Tribunal jaghraf li jekk kien hemm dawk in-nuqqasijiet li semmiet is-Socjeta' ntimata jinnota li ma gie pprezentat l-ebda document jew dokumenti ta'twissijiet precedenti ghat-tkeccija.

L-incident bejn Is-Sur Luke Pace u s-Sur Stefan Apap kien sekondarju ghat-tkeccija mill l-impjieg tar-rikorrent u s-Socjeta' ntimata ma uriet l-ebda insistenza biex is-Sur Luke Pace jixhed.

It-Tribunal innota ukoll bir-reqqa l-istat tad-dizabilita tar-rikorrent.

**<u>Decizjoni</u>**

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi li ma kienx hemm ragunijiet tajbin u bizzejjed skont il-Ligi biex is-socjeta' tasal ghal tkeccija u qed jiddikjara tkeccija ngusta.

It-Tribunal jaghraf lok ta' kumpens u dan qed jigi stabbilit fl-ammont ta' seba t'elef u hames mitt euro (€7,500), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta'' ntimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' erba' u disghin euro (€94).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip. Mgt.**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarjar**